**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie van België fid-29 ta' Lulju 2010 — Jan Voogsgeerd vs Navimer SA**

**(Kawża C-384/10)**

(2010/C 317/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hof van Cassatie van België

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Jan Voogsgeerd

*Konvenuta:* Navimer SA

**Domandi preliminari**

(1) Il-pajjiż fejn jinsab il-post tan-negozju li impjega lill-ħaddiem, fis-sens tal-Artikolu 6(2)(b) tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980 [1], għandu jitqies li huwa l-pajjiż fejn jinsab il-post tan-negozju ta' min iħaddem li, skont il-kuntratt tal-impjieg, impjega lill-ħaddiem, jew inkella bħala l-pajjiż fejn jinsab il-post tan-negozju ta' min iħaddem, li huwa marbut miegħu l-ħaddiem minħabba l-impjieg attwali tiegħu, minkejja li abitwalment tali ħaddiem ma jwettaqx xogħlu f'pajjiż wieħed?

(2) Il-post fejn il-ħaddiem li abitwalment ma jwettaqx xogħlu fl-istess pajjiż għandu jirrapporta u fejn jirċievi istruzzjonijiet amministrattivi kif ukoll istruzzjonijiet relatati mat-twettiq ta' xogħlu, għandu jiġi kkunsidrat bħala l-post tal-impjieg attwali tiegħu fis-sens tal-ewwel domanda?

(3) Il-post tan-negozju ta' min iħaddem li huwa marbut miegħu il-ħaddiem minħabba l-impjieg attwali tiegħu fis-sens tal-ewwel domanda għandu jissodisfa ċerti rekwiżiti formali, bħal pereżempju l-pussess tal-personalità ġuridika, jew huwa biżżejjed li dan ikun *de facto* post tan-negozju?

(4) Il-post ta' negozju ta' kumpannija oħra, li hija marbuta miegħu l-kumpannija li tħaddem, jista' jservi bħala post tan-negozju fis-sens tat-tielet domanda, anki jekk l-awtorità ta' min iħaddem ma ġietx ittrasferita lil din il-kumpannija l-oħra?

[1] ĠU 2005 C 169, p. 10.

**Appell ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2010 minn Bouygues SA u Bouygues Télécom kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla Estiża) tal-21 ta' Mejju 2010 fil-Kawżi magħquda T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, Franza et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-399/10 P)**

(2010/C 317/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Bouygues SA, Bouygues Télécom SA (rappreżentanti: J. Vogel, F. Sureau, D. Theophile, avukati)

*Appellati:* Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Franċiża, France Télécom SA, Association française des opérateurs de réseaux et services de télécommunications (AFORS Télécom)

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Mejju 2010 mill-Qorti Ġenerali fil-Kawżi magħquda T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04,

— filwaqt li tagħti deċiżjoni ġdida, tilqa' t-talbiet tal-kumpanniji Bouygues SA u Bouygues Télécom, jiġifieri: 1) l-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/321/KE [1] biss sa fejn dan l-artikolu impliċitament iżda neċessarjament irrifjuta li jikklassifika bħala għajnuna d-dikjarazzjonijiet tal-Istat Franċiż magħmula f'Lulju, f'Settembru u f'Ottubru 2002, u 2) l-annullament tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni, liema annullament ikollu bħala konsegwenza li jobbliga lill-Istat Franċiż jirkupra l-għajnuna kkonstatata mingħand il-kumpannija France Télécom,

— sussidjarjament, fl-eventwalità li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-kawża mhijiex fi stat li tiġi deċiża, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni ġdida fil-Kawżi magħquda T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, fid-dawl tar-raġunament legali żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja,

— tikkundanna lill-Kummissjoni, lil Société France Télécom u lill-Istat Franċiż għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Bouygues u Bouygues Télécom jinvokaw żewġ aggravji insostenn tal-appell tagħhom.

Permezz tal-ewwel aggravju, li huwa maqsum fi tliet partijiet, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonfermat l-analiżi tal-Kummissjoni li d-dikjarazzjonijiet tal-Istat Franċiż magħmula f'Lulju, f'Settembru u f'Ottubru 2002